# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 20**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 870/2019 JVC**

**L-avukat Dr. Philip Manduca bhala mandatarju specjali ta' Maria sive Marisa Portelli)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Dr. Philip Manduca nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi l-esponent gie nominat bhala mandatarju ta' Marisa Portelli passaport Australian N4175738 sabiex jipprezenta din il-kawza f'isimha;

2. Illi skond ic-certifikat ta' twelid Dok A. l-isem tal-mandatarju tal-esponent fil-gurnata tat-twelid kien Maria;

3. Illi kif jirrizulta mid-dokumenti Dok B –statutory declaration, Dok C passport, Dok D driving licence u Dok E medicare card Dok F certifikat taz-zwieg - Marisa Portelli Maria dejjem kienet maghrufa bhala "Marisa" u hekk ghada maghrufa.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti a) tordna korrezzjoni u jew amenda tac-certifikat tat-twelid ta' Marisa Camilleri fis-sens li jigi notat l-isem Marisa u dan taht kull provvediment xieraq.

Bl-riserva ghat-talba ghal ispejjez.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi mill-atti li bihom huwa gie debitament notifikat, jidher li hemm nieqsa kopja tal-prokura neccessarja li tistabilixxi illi l-Avukat Philip Manduca huwa awtorizzat minn Maria Portelli sabiex jirrapprezentaha fil-poceduri odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talba kif dedotta huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha hija kienet konsistentament msejha bhala 'Marisa' u mhux 'Maria';

4. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni;

Semghet ix-xiehda ta' Dr Philip Manuca li ddikjara illi ghandu prokura verbali mir-rikorrenti sabiex jaghmel din il-kawza b'dana li l-Qorti tqis li ewwel eccezzjoni giet sorvolata.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa u n-nuqqas ta' opposizzjoni da parti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Stante illi mill-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati ser tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet kif isegwi:

**Decizjoni**

Tilqa' t-talba attrici u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Maria sive Marisa Portelli bin-numru wiehed, tlieta, tmienja, wiehed tas-sena elf disa' mija u tmienja u hamsin (1381/1958) b'dana li jigi notat illi flok l-isem 'Maria' ghandu jkun hemm imnizzel l-isem Marisa.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**